Minuti tal-Laqgħa Nru. 10 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Joseph Piscopo (accountant) |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Financial Statement

## 1.0 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

1.1 Is-Sindku beda billi feraħ lis-Sur. Joseph Piscopo bħala accountant ġdid tal-Kunsill Lokali u awguralu għall-ħidma li kien qed jagħmel. Is-Sindku kompla l-laqgħa billi semma li din kienet proċedura ta kull sena li biex jsir l-audit l-ewwel hemm bżonn li jkunu approvatti l-financial statements mill-Kunsill. Huwa semma li hemm deadline li jrid ikun osservatt u għalhekk qed isir il-laqgħa tal-lum. Hua għaddha l-kelma lis-Segretarju biex jellabora.

1.2 Is-Segretarju semma li l-istatements li se jaraw illum għadhom mhux audited u bħal laqgħa li qed isir illum trid terġa issir oħra wara li dawn ikunu audited. Huwa semma li hemm numru ta financial statements li wieħed irid jarahom flimkien. Huwa għadda l-kelma lill-accountant biex jibda jispjega.

1.3 Is-Sur. Piscopo semma li huwa kien beda bl-inputting minn Diċembru u din ma kinitx faċli. Huwa semma li dil-ħaġa anki saret b' diskussjoni mas-Segretarju fejn huwa irrisponda għall xi queries li kien hemm. Huwa semma li kien hemm xi issues li dawn diġa ġew riżolti imma għad fadal xi affarijiet li se jagħmel eżerċizzju mas-Segretarju fuqhom fosthom il-Fixed Asset Register.

1.4 Is-Sur. Piscopo semma li wieħed l-aħjar jibda bil-Profit and Loss. Huwa semma li kien hemm parti mill-Government Income li tittratta fuq skemi li tagħhom irċievia l-fondi l-Kunsill. Is-Sur. Piscopo kompla jagħti informazzjoni minn fejn huma ġejjin is-sorsi differenti tal-income lill-Kunsill.

1.5 Is-Sur. Piscopo semma li kien hemm diskrepanza fil-mod kif kien ikalkulat il-Mayor's Allowance għall din is-sena fejn dan irriżulta li ġara minħanna l-mod kif kienet ikklasifikatu l-accountant ta' qabel.

1.6 L-accountant semma li d-depreciation fuq l-assi tal-Kunsill tkun merħija matul is-snin u din tammonta ukoll għall parti mill-ispiża li peress li l-Kunsill investa ħafna din hija mistennija li tiżdied mas-snin.

1.7 Is-Sur. Piscopo kompla jispjega fuq l-istatement of financial position li jagħti stampa kif inhu l-istatus tal-Kunsill sal-aħħar tas-sena. Huwa spjega ukoll l-istatement of Cash Flows.

1.8 Is-Sur. Piscopo saqsa lill-Kunsilliera jekk kienx hemm xi ħadd li kellu mistoqsijiet.

1.9 Is-Sindku ippropona quddiem il-Kunsill il-financial statements li kienu sekondati mill-Viċi Sindku. Il-Kunsilliera l-oħra qablu mal-financial statements li ġew iffirmati dak il-ħin.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 2016 fis-7.00 pm. Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li l-laqgħa li jmiss kienet se ssir fl-aħħar ġimgħa ta' Frar.

Konfermati llum ______________________2016.

____________________ John Schembri Sindku

____________________ Michael Portelli Segretarju Eżekuttiv